MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 929/2006

**Talba Nru: 929/06VGD**

Saviour Vella (ID. 487966(M)

Vs

Peter Paul Abela (Id. 931547M) u Rose Abela (Id. 282047M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu, l-attur talab il-hlas minghand il-konvenuti, peress illi huma debituri tieghu fl-ammont ta' elf, mija, u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1121.30), rapprezentanti bilanc minn

ammont akbar ta’ Lm2253 li kien it-total ta’ kambjala mahruga mill-konjugi Abela a favur ta’ l-attur, u minkejja li gew interpellati diversi drabi ghall-hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti. Bl-ispejjes ta’ l-ittra ufficjali numru 3843/06 u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi (i) huma ilhom zmien twil jitolbu rendikont dettlajat sabiex ikunu jistghu jsiru l-kunteggi, izda sal-lum ghadhom ma nghatawx informazzjoni. F’kull kaz dan l-ezercizzju irid isir, u (ii) l-ammont mitlub minnhom huwa eccessiv. Bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema x-xhieda tal-attur Saviour Vella.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti nghataw diversi opportunitajiet sabiex jipproducu l-provi taghhom, huma naqsu milli jaghmlu dan.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuti jhallsu s-somma ta’ elfejn, sitt mija u hdax il-Ewro u tlieta u disghin centezmu (€2611.93), (ekwivalenti ghas-somma ta’ elf, mija, u wiehed u ghoxrin lira u tletin centezmu (Lm1121.30) mitluba fl-Avviz), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------